# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR. MICHAEL MALLIA, LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 4 ta' Marzu, 2002**

**Numru**

**Avviz numru: 892/01mm**

**Tigne Development Company Ltd bhala proprjetarja tal-Lukanda Crowne Plaza**

**vs**

**Accord International DMC Ltd**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas tas-somma ta' tlett elef, erba' mija u zewg liri Maltin

(Lm3,402.00) dovuti bhala hlas ghal akkomodazzjoni u servizzi relatati provduti a beneficcju tas-socjeta' konvenuta fil-lukanda Crowne Plaza, skond fatturi gja mibghuta lis-socjeta' konvenuta u kif indikat ukoll fil-prospett anness u indikat Dokument A.

Bl-imghax u fl-ispejjez inkluz ta' l-ittra ufficjali mibghuta fil-25 ta' Gunju, 2001, kontra s-socjeta' konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex is-socjeta' konvenuta twiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikata regolarment is-socjeta' konvenuta naqset u ma dehritx, la fis-27 ta' Frar, 2002, meta gewipprezentati l-kapitoli u l-anqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra s-socjeta' konvenuta.